MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru. 1282/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**Vs**

**Redeemer Bellizzi ta' 19-il sena, iben missier mhux maghruf u Emanuela Bellizzi, imwieled il-Pieta' nhar il-11 ta' Awwissu 1991, residenti gewwa appartament numru 19, Block A, Marshall Courts, Gzira u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 410291(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Redeemer Bellizzi akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

Talli fil-lejl tat-30 ta’ Lulju 2009 u l-31 ta’ Lulju 2009 minn gewwa l-fond bl-isem Prive, li jinsab fi Triq ix-Xatt, Tas-Sliema, ikkometta serq ta’ computer (lap-top), liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin u dan ghad-detriment ta’ Marielle Calleja mill-Imsida u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u crikostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara ma jiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69), imma huwa izjed minn mija u sittax il-euro sebgha u erbghin centezmu (€116.47), u dan ghad-detriment ta’ Marielle Calleja mill-Imsida u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli fix-xhur ta’ Mejju 2009 u ta’ Awwissu 2009 xjentement f’Malta laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Il-Qorti hija mitluba biex titratta ma’ Redeemer Bellizzi bhala recidiv b’sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula u aktar talli kiser il-provvedimenti ta’l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi ikkometta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija waqt il-perijodu ta’ sentenza sospiza ghal erba’ snin moghtija lilu mill-Qorti ta’l-Appell Inferjuri fil-11 ta’ Dicembru 2008.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-16 ta’ Dicembru 2009 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tat-12 ta’ Mejju 2010, fejn il-prosekuzzjoni irtirat dik l-parti fl-ahhar akkuza fejn l-imputat gie akkuzat li kiser il-provvedimenti ta’ sentenza sospiza moghtija lilu

mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali Inferjuri fil-11 ta' Dicembru 2008 u dana peress illi dina l-akkuza diga ghaddiet in gudikat.

Semghet il-provi u it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi l-Qorti mal-ewwel tosserva illi minn ezami ta' l-atti processwali, l-unika prova kontra l-imputat prodotta mill-prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' certu Yousef Essesi li allegatament kien komplici ma'l-imputat fil-kummissjoni tar-reati addebitati lilu. Ma hemm l-ebda prova ohra permezz ta' xhieda okulari jew provi indizzjarji li jippuntaw subaghjhom fid-direzzjoni ta'l-imputat. Illi l-proceduri kriminali fil-konfront ta' dan Yousef Essesi kienu gew konkjuzi u ghaddew in gudikat madwar xahar qabel ma huwa iddepona f'dina l-kawza.[1]

L-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk fir-rigward:-

***(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lil gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserhu fuqha u jaslu biex isibu hati lil akkuzat*.**

Din id-dispozizzjoni, kif vigenti llum, giet introdotta fl-imsemmija Kodici permezz ta' l-Att XVI ta' l-2006 li gie fis-sehh fit-3 ta' Ottubru 2006. L-istess subartikolu, qabel din l-emenda, kien jiddisponi hekk :

***'Meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat f'xi procediment ghal xi reat li ma jkunx wiehed minn dawk imsemmija flartikoli 112 sa 118, 120, 121,124 sa 126, u 138, ikun ilkomplici,u x-xhieda tieghu ma tkunx bizzejjed korroborata b' cirkostanzi ohra, ix-xhieda ta'***

[1] Ara fedina penali ta' Essesi esebieta bhala Dokument KA8 a fol100 et.seq.

***dan ix-xhud wahdu ma tkunx bizzejjed biex l-akkuzat jigi misjub hati.'***

Dana kollu ghalhekk ifisser illi kuntrarjament ghal posizzjoni legali qabel l-2006, ix-xhieda ta' komplici, jekk emmnuta, hija bizzejjed u ma tenhtieg l-ebda korroborazzjoni.

Dana Essesi jirrakonta illi fir-rigward tas-serq tal-*lap-top computer* mill-hanut bl-isem Prive' gewwa Ix-Xatt ta' Tas-Sliema, kien l-imputat illi indikalu dana il-kompjuter u qallu sabiex jisirqu u jghaddihulu. Ghal dina l-bicca tax-xoghol huwa weghdu li kien ser ihallsu s-somma ta' €20. Essesi jghid li accetta li jaghmel dana minhabba illi huwa ma kellux flus lanqas biex jixtri x'jiekol. Fil-fatt dana Essesi fil-lejl ta' bejn it-30 u il-31 ta' Lulju ikkometta dina s-serqa billi kisser hgiega mill-bieba ta' dana il-hanut permezz ta' gebla biex b'hekk kiseb access ghall-istess, seraq dana il-kompjuter u baqa' sejjer bih hdejn il-hanut bl-isem 'Just Men', ftit 'il boghod fejn kien miftiehem li kellu jiltaqa' ma' l-imputat. Jghid illi l-imputat wasal hemmhekk bir-rota tieghu, huwa ghaddiehlu l-lap-top, u l-imputat tah €20. B'dawn il-flus Essesi jghid illi mar jixtri x'jiekol mill-hanut tat-Turkish *take away*.

Fir-rigward imbaghad tas-serqa tas-sigaretti mill-hanut bl-isem Simaptia Crai gewwa il-Gzira, Essesi jikkontendi illi l-imputat ma kienx komplici mieghu f'dina s-serqa. Kien hu wahdu illi acceda f'dana il-hanut seraq is-sigaretti, qeghdhom gewwa xkora u hadhom lejn il-garaxx fejn f'dak iz-zmien kien qed jghix. Jghid illi huwa offra dawn is-sigaretti ghal bejgh lill-imputat li accetta li jixtrihom ghal prezz ta' €120, meta fil-fatt dawna is-sigaretti kienu jiswew 'il fuq minn €2000. Huwa jikkontendi illi offrihom lill-imputat u mhux lil xi persuna ohra ghax kien jaf illi l-imputat ihallsu fil-pront u huwa kien fil-bzonn ghall-flus. Jghid illi huwa kien qal lill-imputat illi dawn is-sigaretti kienu misruqin.[2]

Illi l-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri, izda fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, huwa jichad l-involviment

[2] Ara xhieda ta' Yousef Essesi a fol.48 et.seq

tieghu kif allegat minn dana Essesi.[3] Fil-fatt meta jigi interrogat mill-Ispettur Keith Arnaud sahansitra jsir konfront bejnu u bejn dana Essesi, fejn filwaqt illi Essesi quddiem l-imputat jibqa' isostni l-involviment ta' siehbu, l-imputat min-naha tieghu jibqa' jichad illi dana kien minnu. Meta mistoqsi mill-Ispettur Arnaud x'inhi ir-raguni allura illi Essesi qed jigbed fuqu, l-imputat ma jaghrafx jaghti twegiba plawsibbli. L-ewwel jghid li kien qed jigdeb fuqu minhabba kawza kirminali fejn it-tnejn kienu ko-akkuzati, izda meta imbaghad l-ispettur jigbidlu l-attenzjoni ghal fatt illi hu kien ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu f'dina l-kawza, huwa ibiddel ir-risposta tieghu u jghid illi xi nies kienu qalulu li Essesi ried ippattihielu. Meta mistoqsi jghid min huma dawn in-nies, iwiegeb li huma hafna, izda ma jistax jiftakar l-isem ta' mill-inqas wiehed minnhom. Meta rega' mistoqsi:

**"*Tista tghidli ghaliex il-bierah, meta kien hawn Yousef, minflok qajjimt dawn il-punti li ried jighamillek il-hsara, spiccajt li bqajt b'halqek maghluq il-hin kollu meta hu beda jallega fuqek*?"**

U l-imputat iwiegeb:

**"*Ma nafx, immutajt*."**

Meta mistoqsi wkoll 'il ghala jekk verament ried ippattihielu, Yousef jimplikah biss f'dawn iz-zewg serqiet u mhux ukoll fil-hames serqiet l-ohra li dwarhom ukoll gie akkuzat u issentenzjat flimkien ma' dawn iz-zewg serqiet, iwegeb bil-kliem, **"*Ma nafx*".** Kif ukoll l-imputat ma jaghtix risposta plawsibbli meta mistoqsi 'il ghala gialdarba Essesi ried jaghmillu l-hsara ma implikahx fis-serq tas-sigaretti izda fix-xiri ta'l-istess biss. Huwa jwiegeb b'risposta li ma taghmilx wisq sens u jghid illi Essesi ghamel dana biex ma jigbidx l-attenzjoni tal-pulizija ghal fatt illi huwa kien qed jigdeb.

[3] Ara stqarrija Dokument KA1 a fol.26B et.seq

L-imputat madanakollu rinfaccjat b’dawn il-fatti kollha xorta wahda jibqa’ jinnega l-involviment tieghu kif allegat minn Essesi.

Illi wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, id-difiza ghogobha terga’ ittella lil Essesi jixhed fejn issa dana Essesi juri riluttanza kbira biex jixhed u ghall-ewwel huwa ma jkun irid iwiegeb ghall-ebda domanda lilu maghmula. Johrog car hawnhekk illi fit-trapass taz-zmien bejn l-ewwel xhieda tieghu u dina t-tieni xhieda kien gara xi haga li bdiet izzomm lil Essesi milli jixhed. Essesi jittella’ jixhed mid-difiza ghar-rigward ta’ xi episodju li sehh fl-edificju tal-Qorti barra l-awla tal-Magistrat Antonio Mizzi fejn Essesi kien qed jistenna sabiex tinstema l-kawza tieghi. Hawnhekk kien hawn omm l-imputat Lilian Bezzina tistenna lil binha li dak in-nhar kien ser jingieb mill-habs sabiex jixhed f’dawn il-proceduri kriminali pendenti kontra Essesi. Omm l-imputat issotni illi hanwhekk Essesi kien kellimha u qalilha d-diskors: ***“Sinjura tinkwetax. It-tifel tieghek ha nikkaverjah.”*** [4]

Illi meta Yousef Essesi jerga jixhed in kontro-ezami, huwa jinnega li qal xi diskors lil omm l-imputat illi kien gideb fuqu. Fil-fatt matul il-kors ta’ dina ix-xhieda, ghalkemm Essesi xorta wahda jibqa’ juri riluttanza kbira, madanakollu huwa jibqa jsostni illi l-imputat kien involut fis-serqa tal-*lap top* kompjuter, kif ukoll illi kien l-imputat illi xtara s-sigaretti misruqa minn ghandu.[5]

Illi dina il-Qorti fliet bir-reqqa dina x-xhieda, u wiznet b’kawtela c-cirkostanzi kollha ta’ dana il-kaz u l-istqarrija ta’l-imputat fejn kien sar konfront bejnu u bejn l-istess xhud, inkluz anke l-episodju meta Essesi tefa’ xi karti imqabbda minnu fic-cella ta’ l-imputat meta it-tnejn kienu qeghdin residenti fil-YOURS section tal-habs.[6] Illi l-ewwel draba illi Essesi jixhed f’dina l-kawza huwa fit-18 ta’ Jannar 2010, meta s-sentenza fil-konfront tieghu kienet inghatat fis-17 ta’ Dicembru 2009 u cioe’ madwar xahar qabel. F’dina l-okkazzjoni jidher illi Essesi ma kellu l-ebda

---

[4] Ara xhieda ta’ Lilian Bezzina a fol.106 et. seq.
[5] Ara xhieda ta’ Yousef Essesi a fol.120 et seq.
[6] Ara xhieda ta’ Elenio Galea a fol.157

problema biex jixhed u jirrakonta l-istess verzjoni illi huwa kien ta lill-pulizija qabel ma tressaq il-Qorti. Izda f'Settembru 2010, meta imbaghad jittella jixhed mid-difiza, f'daqqa wahda huwa jsir riluttanti u juri biza' kbira biex jikkonferma l-verzjoni moghtija minnu precedentement fl-ewwel xhieda tieghu. Jikkontendi illi ghandu problema biex jixhed u ma jkunx irid jaghti spjegazzjoni dwar x'inhi dina l-problema. Lanqas ma jkun irid jindika il-persuni li qed jaghmlu pressjoni fuqu sabiex ma jixhidx. Il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi ghal xi raguni Essesi kien qed jibza' minn xi haga jew xi hadd u ma riedx jixhed kontra l-imputat akkost ta' kollox.

Dana kollu jwassal lil Qorti sabiex tikkonkludi minghajr l-icken dubbju illi l-verzjoni moghtija minn Essesi kemm *a tempo vergine* lill-pulizija kif ukoll fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Jannar 2010 hija veritjiera u ghandha titwemmen. L-imputat ma jressaq l-ebda prova sabiex jikkontradixxi dak li ighid Essesi. Ghaldaqstant il-Qorti ser issib htija fil-konfront tieghu.

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ikkometta s-serq tal-*lap top* mill-hanut Prive f'Tas-Sliema, kif ukoll li ikkaguna hsara volontarja meta acceda ghall-istess hanut sabiex jisraq. Illi gie ippruvat illi ma kienx l-imputat illi fizikament seraq dana il-kompjuter izda Yousef Essesi, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-imputat kien komplici fil-kummissjoni ta' dawn id-delitti, billi kien hu li ikkummissjona lil Essesi jwettaq dina is-serqa u dana ai termini ta'l-artikolu 42(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi s-serqa sehhet fil-hinijiet ta' matul lejl, illi l-kompjuter kien jiswa €1325[7] u li kien hemm l-isgass sabiex l-halliel kiseb access ghal dana il-fond. Kwindi l-aggravji ghar-reat tas-serq huma kollha ippruvati. Illi fir-rigward tar-reat tal-hsara volontarja hemm l-applikazzjoni ta'l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 billi dana serva ta' mezzi ghal fini tal-kummissjoni tar-reat tas-serq.

Illi l-imputat jinsab ukoll akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni a tenur ta'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[7] Ara xhieda ta' Marielle Calleja a fol.60 u document esebiet a fol.62

Dana sehh meta l-imputat xtara s-sigaretti li kien jaf ben tajjeb li kienu misruqa tant illi hallas prezz ferm inferjuri ghal valur rejali ta' dawn is-sigaretti. Fil-fatt l-imputat hallas il-prezz irrizorju ta' €120 u dana ghaliex kien jaf ben tajjeb illi Essesi kien jaccetta kwalunkwe ammont ta' flus peress illi lanqas biss kellu flus biex jixtri x'jiekol.

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, ghalkemm l-Qorti tqis illi l-fedina penali ta'l-imputat mhijiex xi wahda allarmanti madanakollu huwa qieghed prezentement jiskonta piena karcerarja li ma hijiex riflessa fil-fedina penali esebita fl-atti. Illi l-imputat wasal biex jiskonta dina l-piena karcerarja u jidher mix-xhieda ta' Joanna Battistino illi l-imputat ghamel uzu tajjeb taz-zmien illi huwa ghamel taht detenzjoni. Jidher illi huwa qieghed jistudja u anke jahdem tant illi huwa bniedem fdat fis-section tal-YOURS ghalkemm ghadu zghir fl-eta'.[8] Il-Qorti ghalhekk ghad ghandha tama illi l-imputat jista' jirriforma hajtu u ghalhekk piena karcerarja effettiva ma hijiex ser tkun ta' ghajnuna ghalih. Il-Qorti tikkondividi dak mistqarr minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta f'sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charlo Aquilina fejn hemmhekk il-Qorti anke ghamlet referenza ghal dak mistqarr mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali u minn gurisprudenza ohra:

"Il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tat-18 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija vs George Farrugia' fejn intqal is-segwenti :-

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellant hija « irriversibbli » - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal « first offenders » zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna « a window of opportunity » li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega

[8] Ara xhieda ta' Joanne Battistino a fol.152

David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** (Heinemann, London, 1979) :

"***The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited…As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22,23)*** U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation ***:***

***'The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character' (p. 236)."***

Illi ghaldaqstant ghalkemm l-imputat huwa recidiv il-Qorti ser tghaddi sabiex tapplika l-provedimenti ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tama illi l-imputat jirriforma hajtu.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263(a), 267, 270, 334(a), 325(1)(b), 42(a), 43, 17(h), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' tlett

snin jew jekk huwa jonqos mill-jobdi l-ordni imposta fuqu illum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hati ihallas lil parti leza Marielle Calleja s-somma ta' €1325 u lil John Xuereb is-somma ta' €2000 u dana fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Probation skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------